TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 509/11

**Celine Marie Dalli**

**vs**

**New Mobile**

Illum 28 ta' Marzu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-30 ta' Novembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' mija u għaxar ewro (€110), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li jumejn wara li nxtara ma baqax jaħdem.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *mobile phone* għal prezz ta' mija u għaxar ewro (€110), fid-19 t'Awwissu 2011 u jumejn wara kellu l-ħsara, billi ma kienx qiegħed jinstema'.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi wara li l-*mobile phone* mar għandha għat-tiswija xi tliet darbiet, irriżulta skond l-istess xhud, illi l-*mobile phone* kien imxarrab.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal, skond ix-xhieda li ġew quddiemu, mhux konvint illi l-*mobile phone* kien imxarrab stante li ma ġab l-ebda prova, lanqas rapport tat-technician, minkejja li dan il-*mobile phone* ittieħed għand it-technician.

Ukoll jekk hu mxarrab, ir-rikorrenti qalet illi hi qatt ma xarbitu għax il-*mobile phone* ma tantx dam għandha.

It-Tribunal jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' mitt ewro (€100), b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata,.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888